KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fis-16 ta' Ġunju 2022[1]

Kawża C-289/21

IG
vs
Varhoven administrativen sad

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Qorti Amministrattiva ta' Sofija, il-Bulgarija))

"Proċedura għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-enerġija – Promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika – Direttiva 2012/27/UE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal rimedju effettiv u għal protezzjoni ġudizzjarja – Kumpens għad-dannu kkawżat mill-ksur tad-dritt tal-Unjoni – Emenda ta' leġiżlazzjoni nazzjonali matul dan l-appell ta' kassazzjoni"

1. Skont id-dritt proċedurali Bulgaru, kif deskritt f'dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, l-azzjonijiet ġudizzjarji kontra att normattiv ta' livell inferjuri mil-liġi, bħala prinċipju, isiru mingħajr skop meta dan l-att ikun ġie emendat qabel ma tingħata s-sentenza.

2. Fil-kawża prinċipali, il-persuna li għaliha ġiet applikata din ir-regola proċedurali ressqet, wara d-dikjarazzjoni li l-azzjoni tagħha saret mingħajr skop minħabba l-emenda tal-att normattiv, talba għal responsabbiltà mhux kuntrattwali kontra l-Istat.

3. Il-qorti li għandha tiddeċiedi dwar din it-talba tistaqsi, essenzjalment, jekk din ir-regola proċedurali hijiex kompatibbli mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, il-"Karta").

[1] Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Direttiva 2012/27/UE[2]

4. Skont l-Artikolu 9(1):

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, safejn huwa teknikament possibbli, raġonevoli mil-lat finanzjarju u proporzjonat fir-rigward tal-iffrankar potenzjali tal-enerġija, il-klijent aħħari tal-elettriku, tal-gass naturali, tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali u tal-ilma sħun fid-djar jingħataw arloġġi individwali bi prezz kompettitiv li jirriflettu b'mod preċiż il-konsum finali ta' enerġija mill-klijent u li jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu".

5. L-Artikolu 10 jispeċifika l-kontenut u l-karatteristiċi tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-klijenti fil-fatturi tagħhom.

B. Id-dritt Bulgaru

1. Administrativnoprotsesualen kodeks[3]

6. L-Artikolu 156 jistipula li:

"(1) […] Bil-qbil mal-konvenuti l-oħra u mal-partijiet interessati li jibbenefikaw mill-att ikkontestat, l-awtorità amministrattiva tista' tirtira l-att kollu jew parti minnu jew tadotta dak li hija rrifjutat l-adozzjoni tiegħu.

(2) Il-kunsens tar-rikorrenti huwa wkoll neċessarju għall-finijiet tal-irtirar tal-att wara li tinżamm l-ewwel seduta.

(3) L-att irtirat jista' jiġi adottat għal darba oħra biss jekk ikun hemm ċirkustanzi ġodda.

(4) Jekk l-azzjoni kontra l-att tkun akkumpanjata b'talba għad-danni, il-proċedura fir-rigward ta' din it-talba għandha tkompli".

7. L-Artikolu 187 jipprovdi li:

"(1) L-azzjonijiet kontra atti regolatorji ta' implimentazzjoni ma għandhom ikunu suġġetti għall-ebda terminu.

(2) Azzjoni kontra att regolatorju wara li tkun tressqet azzjoni għall-istess raġunijiet hija inammissibbli".

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU 2012, L 315, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 113, p. 24).

[3] Kodiċi ta' proċedura amministrattiva (DV Nru 30, tal-11 ta' April 2006).

8. L-Artikolu 195 jippreskrivi li:

"(1) Att regolatorju ta' implimentazzjoni għandu jitqies li ġie annullat mill-jum tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ġudizzjarja.

(2) Il-konsegwenzi legali ta' att regolatorju ddikjarat null jew li jista' jiġi annullat għandhom jittieħdu *ex officio* mill-awtorità kompetenti f'terminu massimu ta' tliet xhur li jibda jiddekorri mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ġudizzjarja."

9. Skont l-Artikolu 204(3), meta d-dannu jkun ġie kkawżat minn att amministrattiv null jew irtirat, l-illegalità ta' dan tal-aħħar għandha tiġi kkonstatata mill-qorti adita bit-talba għal kumpens.

10. L-Artikolu 221(4) jipprevedi:

"Meta l-awtorità amministrattiva, bil-kunsens tal-konvenuti l-oħra, tirtira l-att amministrattiv jew tadotta l-att li l-adozzjoni tiegħu ġiet irrifjutata, il-Varhoven administrativen sad [il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija] għandha tannulla, inkwantu vvizzjata b'irregolarità proċedurali, id-deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija fir-rigward ta' dan l-att jew ta' dan ir-rifjut u ttemm il-kawża."

2. Zakon za otgovornostta na darzhavata i obshtinite za vredi[4]

11. L-Artikolu 1 jipprevedi li:

"1. L-Istat u l-komuni huma responsabbli għad-danni kkawżati lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi minn atti ġuridiċi illegali u atti jew omissjonijiet illegali tal-korpi u tal-impjegati tagħhom fl-eżerċizzju tal-attività amministrattiva tagħhom […].

2. L-azzjonijiet imressqa taħt il-paragrafu 1 għandhom jiġu eżaminati skont il-proċedura amministrattiva prevista fil-[Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva] […]".

II. Il-fatti, il-kawża u d-domandi preliminari

12. In-Naredba n.º 16-334/06.04.2007 za toplosnabdyavaneto[5], adottat mill-Ministru għall-Ekonomija u għall-Enerġija tar-Repubblika tal-Bulgarija, fl-Anness 1 tal-Artikolu 61(1) kien inkorpora l-metodu tad-distribuzzjoni tal-enerġija termali f'kondominji (iktar 'il quddiem, il-"metodu ta' kalkolu").

13. IG ikkontesta l-metodu ta' kalkolu quddiem il-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema; iktar 'il quddiem, il-"QAS") fir-rikors Nru 1372/2016.

4 Il-Liġi dwar ir-Responsabbiltà tal-Istat u tal-Komuni għad-Danni Kkawżati (DV Nru 60, tal-5 ta' Awwissu 1988).

5 Digriet Nru 16-334 tas-6 ta' April 2007 dwar il-provvista tat-tisħin distrettwali (DV Nru 34, tal-24 ta' April 2007).

14. Fit-13 ta' April 2018, il-QAS, bħala kulleġġ ġudikanti ta' tliet imħallfin, laqgħet ir-rikors billi sabet li l-metodu ta' kalkolu ma kienx konformi mal-għan tal-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2012/27 (li l-enerġija termali għandha tiġi ffatturata skont il-konsum reali tagħha), u dan irendieha nulla *ex tunc* [6].

15. Il-Ministru għall-Ekonomija u għall-Enerġija ppreżenta quddiem l-istess QAS, bħala kulleġġ ġudikanti ta' ħames imħallfin, l-appell ta' kassazzjoni Nru 1318/2019 kontra s-sentenza tal-ewwel istanza.

16. Fl-20 ta' Settembru 2019 daħal fis-seħħ digriet ġdid li emenda, b'mod partikolari, il-formula tal-metodu ta' kalkolu.

17. Fil-11 ta' Frar 2020, kulleġġ ġudikanti tal-QAS ta' ħames imħallfin, li għandu ġurisdizzjoni biex jiddeċiedi dwar l-appell, iddikjara li l-kawża kienet saret mingħajr skop. Huwa bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li l-emenda tal-punt 6.1.1 tal-metodu ta' kalkolu kienet wasslet għat-tħassir tiegħu u, skont id-dritt nazzjonali, il-qrati jistgħu jiddeċiedu biss fuq il-mertu fir-rigward tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ.

18. Konsegwentement, il-kulleġġ ġudikanti tal-QAS ta' ħames imħallfin annulla s-sentenza tal-ewwel istanza, mingħajr il-ħtieġa li tiġi eżaminata l-validità tal-metodu ta' kalkolu. Din id-deċiżjoni saret finali.

19. F'dan il-kuntest, IG talab lill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Qorti Amministrattiva ta' Sofija, il-Bulgarija) kumpens ta' 830 lev Bulgaru (BGN) (madwar EUR 425) li huwa ekwivalenti għall-ispejjeż tal-ewwel proċedura (Kawża Nru 1372/2016) u ta' BGN 300 għad-dannu morali [7] kkawżat mis-sentenza mogħtija fl-appell ta' kassazzjoni Nru 1318/2019.

20. L-azzjoni għad-danni hija diretta kontra l-QAS, li taġixxi quddiem il-qorti tar-rinviju bħala konvenuta.

21. Huwa f'dan il-kuntest li l-Administrativen sad Sofia-grad (il-Qorti Amministrattiva ta' Sofija) għamlet dawn id-domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-emenda ta' dispożizzjoni ta' att normattiv tad-dritt nazzjonali, li fir-rigward tagħha ngħatat, qabel din l-emenda, deċiżjoni minn qorti tal-appell fis-sens li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi ksur [*sic*] ta' norma effettiva tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, teżenta lill-qorti tal-kassazzjoni mill-obbligu li tistħarreġ id-dispożizzjoni li kienet applikabbli sal-emenda, b'mod partikolari mill-perspettiva ta' jekk din id-dispożizzjoni kinitx konformi mad-dritt tal-Unjoni?

[6] Fis-seduta, il-QAS sostniet li s-sentenza tat-13 ta' April 2018 kienet ibbażata fuq raġunijiet oħrajn. Madankollu, id-digriet tar-rinviju huwa kategoriku f'dan ir-rigward u l-Qorti tal-Ġustizzja għandha żżomm mal-fatti stabbiliti mill-qorti tar-rinviju. Fil-punt 5 ta' dan id-digriet hemm stabbilit li: "permezz ta' deċiżjoni […] tat-13 ta' April 2018 […] il-formula użata fil-punt 6.1.1 […] kienet ġiet annullata minħabba li ma kinitx tissodisfa l-għan tal-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2012/27, li ġew trasposti mill-Artikolu 155(2) tal-Liġi dwar l-Enerġija".

[7] Id-danni invokati jikkonsistu fil-"frustrazzjoni, ir-rabja u l-ilmenti mġarrba minħabba l-imġiba tal-imħallfin supremi tal-kulleġġ ġudikanti tal-QAS li ma ggarantixxewx l-effettività tad-dritt tal-Unjoni u li, minflok irrimedjaw l-ilment, irrifjutaw li jeżerċitaw il-kontroll tagħhom fuq l-attività tal-poter eżekuttiv".

2) Il-fatt li d-dispożizzjoni inkwistjoni titqies li tħassret jikkostitwixxi rimedju ġudizzjarju effettiv għall-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet u tal-libertajiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni (f'dan il-każ mill-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2012/27/UE […] u b'mod partikolari tikkostitwixxi tali rimedju l-possibbiltà, prevista fid-dritt nazzjonali, li l-evalwazzjoni tal-konformità tad-dispożizzjoni nazzjonali qabel l-emenda mad-dispożizzjoni tad-dritt Ewropew titwettaq biss fil-każ li l-qorti tiġi adita b'kawża konkreta li fiha jintalbu danni minħabba din id-dispożizzjoni u dan fir-rigward biss tal-persuna li tkun fetħet il-kawża?

3) Fil-każ li r-risposta għat-tieni domanda tkun fl-affermattiv, huwa permess li d-dispożizzjoni inkwistjoni tibqa' tirregola r-relazzjonijiet pubbliċi fil-perijodu bejn l-adozzjoni tagħha u l-emenda tagħha fir-rigward ta' grupp indefinit ta' persuni li ma fetħux kawża għal kumpens quddiem qorti, u għalhekk ma tkunx twettqet evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni nazzjonali qabel l-emenda mad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-konfront ta' dawn il-persuni?"

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

22. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Mejju 2021.

23. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn IG, mill-QAS, mill-Gvern Pollakk kif ukoll mill-Kummissjoni. Bl-eċċezzjoni tal-Gvern Pollakk, huma kollha dehru waqt is-seduta li nżammet fis-6 ta' April 2022.

IV. Analiżi

A. Preliminari

24. Is-suġġett ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari jirriżulta, naturalment, mit-tilwima li għandha tiġi deċiża fil-proċedura inkwistjoni. Dak li qiegħed jiġi diskuss f'din tal-aħħar huwa sempliċiment jekk IG għandux dritt għal kumpens għal dannu li allegatament sostna minħabba s-sentenza mogħtija bl-applikazzjoni tar-regola proċedurali Bulgara li ċaħditu milli jikseb deċiżjoni sostantiva dwar il-validità tal-metodu ta' kalkolu.

25. Għaldaqstant, jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari li jiġi ddeterminat: a) jekk il-punt 6.1.1 tal-metodu ta' kalkolu huwiex kompatibbli mad-Direttiva 2012/27; b) jekk IG kellux id-dritt għal kumpens għall-ksur ta' din id-direttiva; u c) jekk terzi, apparti IG, kellhomx id-dritt għal tali kumpens.

26. Għaldaqstant, ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma jikkonċernax kemm huwa xieraq jew kemm ma huwiex xieraq li jingħata kumpens għad-danni kkawżati mill-applikazzjoni ta' dispożizzjoni regolatorja dwar l-effiċjenza enerġetika, li allegatament tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. L-uniċi danni li IG jitlob kumpens għalihom huma, nirrepeti, dawk ikkawżati (allegatament) minn leġiżlazzjoni proċedurali interna li tippermetti li l-ewwel sentenza li tiddikjara n-nullità tal-metodu ta' kalkolu tal-enerġija ffatturata ma jibqax ikollha effett.

27. Sabiex tingħata deċiżjoni dwar dan id-dannu u kwalunkwe kumpens għalih, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni r-regola nazzjonali li abbażi tagħha d-dikjarazzjoni ta' nullità tal-metodu ta' kalkolu, deċiża fis-sentenza tal-ewwel istanza, ma jibqax

ikollha effett [8].

28. Meta r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jinftiehem b'dan il-mod, l-oġġezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-QAS, li essenzjalment tallega: a) il-ksur tal-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja; b) in-nuqqas ta' rabta bejn is-sitwazzjoni legali oriġinali u d-dritt tal-Unjoni; u c) in-natura *res judicata* tas-sentenza tal-11 ta' Frar 2020, ma jistgħux jintlaqgħu [9].

29. Kontra dawn l-oġġezzjonijiet, inqis li:

– Id-digriet tar-rinviju fih spjegazzjoni suffiċjenti tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju tifformula d-domandi preliminari. Għalhekk, hija tissodisfa r-rekwiżit previst fl-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

– Hemm rabta bejn is-suġġett tal-proċedura prinċipali u d-dritt tal-Unjoni, billi l-kawża prinċipali, li wasslet għall-azzjoni sussegwenti għall-kumpens, kienet tikkonċerna l-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/27. Il-vijabbiltà ta' din l-azzjoni tista' tiddependi fuq l-adegwatezza tar-rimedji proċedurali previsti fir-regoli Bulgari għall-infurzar tad-dritt tal-Unjoni.

– Ir-*res judicata* tas-sentenza tal-QAS tal-11 ta' Frar 2020 ma hijiex ikkontestata. Hija kwistjoni differenti dik dwar jekk, ladarba tiġi rikonoxxuta din il-kwalità, hemmx lok jew le, li jiġi rrikonoxxut id-dritt għal kumpens għad-danni li jistgħu jirriżultaw minn din is-sentenza inkwantu tapplika r-regola proċedurali kontenzjuża.

30. Għall-bqija, jiena tal-fehma li għall-ewwel żewġ domandi preliminari tista' tingħata risposta konġunta u li t-tielet waħda, bħalma ser nispjega, hija inammissibbli minħabba li hija ipotetika.

B. L-ewwel u t-tieni domanda preliminari

1. Rikorsi għal annullament u azzjonijiet għal kumpens, bħala mezzi sabiex jiġi ggarantit ir-rispett tad-drittijiet tal-parti f'kawża

31. Fis-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Randstad Italia [10], il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu l-azzjonijiet ġudizzjarji neċessarji sabiex jiggarantixxu lill-partijiet fil-kawża, fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, ir-rispett tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva [11].

[8] Il-punt 17 tad-digriet tar-rinviju jagħmel riferiment għal dibattitu ġurisprudenzjali intern dwar l-effetti tal-emendi regolatorji dwar il-proċeduri għal annullament li jkunu għaddejjin. IG isostni li sentenza oħra tal-QAS tas-26 ta' Ġunju 2020 daħlet fil-mertu tal-appell ta' kassazzjoni Nru 14350/2019 fejn analizzat il-legalità ta' ċerti artikoli tad-Digriet Nru 16-334 li kienu tħassru jew ġew emendati qabel id-data li fiha ġiet deċiża s-sentenza. Madankollu, meta ġie diskuss dan il-punt fis-seduta, deher li l-appell Nru 14350/2019 kien jikkonċerna dispożizzjonijiet li, fid-data tal-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura, ma ġewx affettwati mit-tħassir jew mill-emenda.

[9] Il-QAS, wara li enfasizzat li s-sentenza tal-11 ta' Frar 2020 kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, issostni li d-dritt tal-Unjoni ma jimponix l-inapplikazzjoni tar-regoli interni li jagħtu din in-natura lid-deċiżjonijiet ġudizzjarji nazzjonali.

[10] Kawża C-497/20, EU:C:2021:1037 (iktar 'il quddiem is-"sentenza Randstad Italia").

[11] Sentenza Randstad Italia, punt 56, li tiċċita s-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 32).

32. Dan l-obbligu tal-Istati Membri huwa kompatibbli mal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali li skontu, mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta' regoli tal-Unjoni f'dan ir-rigward, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-modalitajiet proċedurali għal dawn l-azzjonijiet ġudizzjarji [12].

33. Il-libertà ta' konfigurazzjoni li jgawdu minnha l-Istati Membri tasal sal-punt li d-dritt tal-Unjoni ma jimponilhomx l-obbligu li jkollhom azzjoni *awtonoma* [13] li tippermetti l-kontestazzjoni *diretta*, bħala waħda prinċipali, ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni.

34. Il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet il-fatt li l-ineżistenza ta' din l-azzjoni awtonoma fid-dritt nazzjonali tikser l-Artikolu 47 tal-Karta: "il-prinċipju ta' protezzjoni ġurizzjarja effettiva ma jeħtieġx, bħala tali, l-eżistenza ta' rimedju awtonomu intiż, prinċipalment, sabiex jikkontesta l-konformità ta' dispożizzjonijiet nazzjonali mar-regoli tal-Unjoni, sakemm jeżisti rimedju ġudizzjarju wieħed jew iktar li jippermettu, b'mod inċidentali, li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-individwu jislet mid-dritt tal-Unjoni" [14].

35. Għalhekk, sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet li r-regoli tal-Unjoni "jagħtu lill-partijiet fil-kawża", huwa biżżejjed li azzjonijiet ġudizzjarji oħra jissalvagwardjaw, fuq bażi inċidentali, ir-rispett ta' dawn id-drittijiet.

36. Fost ir-rimedji proċedurali kapaċi li jippreservaw, anki jekk inċidentalment, ir-rispett tad-drittijiet irrikonoxxuti mir-regoli tal-Unjoni, hemm ir-rekwiżit tar-responsabbiltà tal-Istat Membru għad-danni kkawżati lil individwi b'konsegwenza tal-ksur ta' dawn id-drittijiet.

37. Għaldaqstant huwa possibbli li "l-effikaċja sħiħa tad-dritt tal-Unjoni u l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet li l-individwi jisiltu minnhom jistgħu, jekk ikun il-każ, jiġu żgurati mill-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lilha, peress li dan il-prinċipju huwa inerenti għas-sistema tat-trattati li fuqhom din tal-aħħar hija bbażata" [15].

38. L-applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza tiddetermina l-kompatibbiltà, bħala prinċipju, mal-Artikolu 47 tal-Karta ta' modalità proċedurali li, mingħajr ma jiġu previsti rikorsi għal annullament, tibda azzjonijiet għall-kumpens li jippermettu li jiġu protetti b'mod effikaċi d-drittijiet ta' dawk ikkonċernati.

39. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk, abbażi tal-karatteristiċi tagħha, l-azzjoni proċedurali għall-kumpens irregolata mid-dritt Bulgaru, li hija adita biha, hijiex kapaċi tissalvagwardja b'mod effikaċi d-drittijiet mogħtija mir-regoli tal-Unjoni lir-rikorrent.

[12] Sentenza Randstad Italia, punt 58: "Dan ingħad, bla ħsara għall-eżistenza ta' regoli tal-Unjoni fil-qasam, skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali, huwa l-ordinament ġudizzjarju intern ta' kull Stat Membru li għandu jirregola l-modalitajiet proċedurali tar-rimedji msemmija fil-punt 56 ta' din is-sentenza, bil-kundizzjoni, madankollu, li dawn il-modalitajiet ma jkunux, fis-sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni, inqas favorevoli milli f'sitwazzjonijiet simili suġġetti għad-dritt intern (prinċipju ta' ekwivalenza) u li dawn ma jrendux impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività)".

[13] Din tfisser l-azzjoni jew ir-rikors ippreżentati prinċipalment kontra r-regola stess u mhux biss kontra l-atti individwali ta' applikazzjoni tagħha.

[14] Sentenza tal-21 ta' Novembru 2019, Deutsche Lufthansa (C-379/18, EU:C:2019:1000, punt 61).

[15] Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:1114, punt 54).

40. Fil-kuntest ta' din l-analiżi, il-qorti tar-rinviju tista' tikseb kunsiderazzjonijiet imprezzabbli mis-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev [16], li tagħmel riferiment għaliha hija nnifisha. peress li fis-sentenza huma indirizzati kwistjonijiet marbuta mal-leġiżlazzjoni Bulgara dwar l-azzjonijiet ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali mressqa kontra l-Istat [17].

41. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li:

– "[I]l-qorti nazzjonali tista' tivverifika jekk il-persuna leża kinitx raġonevolment diliġenti sabiex tevita d-dannu jew tillimita l-portata tiegħu u jekk, b'mod partikolari, hija rrikorrietx fil-ħin għar-rimedji legali kollha li kienu disponibbli għaliha" [18].

– "Madankollu, […] jirriżulta li jkun kontra l-prinċipju ta' effettività li jiġi impost fuq il-persuni leżi li dawn ikunu sistematikament irrikorrew għar-rimedji legali kollha għad-dispożizzjoni tagħhom anki meta dan iġib miegħu diffikultajiet eċċessivi jew ma jkunx jista' raġonevolment ikun rikjest minnhom" [19].

– "[L]-obbligu li l-ewwel jiġi kkonstatat l-annullament tal-att amministrattiv li wassal għad-dannu ma huwiex, *fih innifsu*, kuntrarju għall-prinċipju ta' effettività. Madankollu, tali obbligu jista' jrendi eċċessivament diffiċli l-kisba tal-kumpens għad-danni kkawżati mill-ksur tad-dritt tal-Unjoni jekk, fil-prattika, dan l-annullament huwa eskluż" [20].

2. L-iskema proċedurali doppja tad-dritt Bulgaru: rimedji kontra atti regolatorji u azzjonijiet għall-kumpens

42. Id-dritt Bulgaru jipprevedi rimedju (awtonomu) dirett li jiffaċilita l-istħarriġ tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni interna mad-dritt tal-Unjoni. Kien preċiżament dan ir-rimedju li wassal għas-sentenza tal-ewwel istanza tat-13 ta' April 2018 li fiha ġie ddikjarat null il-punt 6.1.1 tal-metodu ta' kalkolu minħabba li ma kienx jikkonforma mal-għanijiet tad-Direttiva 2012/27 [21].

43. Indipendentement minn dan ir-rimedju dirett, id-dritt Bulgaru jawtorizza wkoll rimedju inċidentali, li jikkonsisti fit-talba għal kumpens mhux kuntrattwali mill-Istat fil-każ ta' ksur ta' regola tal-Unjoni li tat drittijiet lill-individwi.

44. Fis-seduta ġie enfasizzat li r-rimedju għal kumpens jawtorizza lill-qrati kompetenti jiddikjaraw, għalkemm *incidenter tantum* u b'effetti bejn il-partijiet fil-kawża, l-illegalità tal-att regolatorju bi grad inqas mil-liġi, li minnu jirriżulta d-dannu kkawżat lir-rikorrent. Dawn il-qrati ma jidhrux li huma limitati miċ-ċirkustanza li l-att regolatorju ġie rtirat jew emendat qabel is-sentenza.

16 Kawża C-571/16, EU:C:2018:807.

17 Dawn il-kunsiderazzjonijiet, sa fejn huma ġenerali, jibqgħu validi, anki jekk il-leġiżlazzjoni Bulgara f'dan ir-rigward tkun ġiet emendata, bħalma ġie enfasizzat fis-seduta.

18 Punt 140.

19 Punt 142.

20 Punt 143.

21 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6 ta' dawn il-konklużjonijiet.

45. Din l-iskema proċedurali doppja hija, bħala prinċipju, suffiċjenti sabiex tissodisfa d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja, kif jiddikjaraw il-QAS, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni:

– Skont il-QAS, id-dritt nazzjonali joffri lil kull persuna li tħoss li ġarrbet dannu minħabba att amministrattiv allegatament illegali l-possibbiltà li tikseb kumpens għad-dannu mġarrab, permezz ta' rikors għad-danni. Dan ir-rikors jippermetti wkoll l-evalwazzjoni tal-legalità tal-att inkwistjoni u jissodisfa, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni.

– Skont il-Gvern Pollakk, l-Artikolu 47 tal-Karta ma jeħtieġx l-eżistenza ta' rimedju awtonomu sabiex jikkontesta l-konformità tad-dispożizzjonijiet nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni. Sa fejn id-dritt Bulgaru jidher li jippermetti li, f'każ ta' rikors għad-danni minħabba d-danni kkawżati minn att amministrattiv irtirat, tiġi kkonstatata l-illegalità ta' dan tal-aħħar, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kontenzjuża tiġi adattata għar-rekwiżiti tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

– Il-Kummissjoni, essenzjalment, taqbel mal-approċċ tal-Gvern Pollakk fir-rigward tas-suffiċjenza, fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, ta' rikors għad-danni li jippermetti l-evalwazzjoni tal-legalità tad-dispożizzjoni regolatorja emendata.

46. Il-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq tal-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti li tiġi kkorroborata din l-evalwazzjoni. Sakemm tkun effettiva, id-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat tista' toffri rimedju għad-danni kkawżati lill-individwi jekk, permezz tagħha, il-konformità tar-regola nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni tkun għadha tista' tiġi mistħarrġa.

47. Madankollu, din ir-risposta inizjali għandha tiġi kkwalifikata permezz tal-osservazzjoni ta' ineffettività possibbli jew tal-effetti li joħolqu tfixkil tar-rimedju awtonomu, kif irregolati mid-dritt Bulgaru, sabiex jiġi żgurat b'mod sħiħ l-istħarriġ tal-kompatibbiltà ta' dispożizzjoni regolatorja nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn l-effetti ta' tfixkil huma bbażati fuq ir-rimedju kumpensatorju, fit-termini li ser nesponi iktar 'il quddiem.

48. Ċertament, kif diġà fakkart, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix l-eżistenza ta' rimedju awtonomu. Iżda, jekk Stat Membru jipprevedi dan, inqis li l-libertà tal-Istati Membri għall-istabbiliment tal-modalità proċedurali tar-rimedji msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE hija suġġetta għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [22].

49. Id-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat Membru tikkostitwixxi rimedju sussidjarju għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-individwi, meta d-dritt nazzjonali ma joffrix rimedju awtonomu. Jekk dan ikun il-każ, dan tal-aħħar għandu, ninsisti, jintrabat mal-kundizzjonijiet ta' ekwivalenza u ta' effettività rikjesti mid-dritt tal-Unjoni.

50. Barra minn hekk, sa fejn id-dritt proċedurali intern irendi diffiċli, jostakola jew idewwem l-aċċess tal-individwu għall-azzjoni għall-kumpens, id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma jiġix irrispettat u, konsegwentement, tista' tinħoloq raġuni ġdida għar-rekwiżit tar-responsabbiltà tal-Istat. Din hija preċiżament ir-responsabbiltà li għaliha IG għandu l-intenzjoni li jiġi kkumpensat fil-kawża prinċipali.

[22] Sentenza Randstad Italia, punt 58; u s-sentenza tal-10 ta' Marzu 2022, Grossmania (C-177/20, EU:C:2022:175) punt 49.

51. Ir-rimedju awtonomu previst mid-dritt Bulgaru jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' ekwivalenza u ta' effettività meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni?

52. F'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' *ekwivalenza*, kollox jidher li jindika li t-telf tal-iskop (f'dan il-każ iddikjarat mill-QAS) ma huwiex limitat għar-rimedji ppreżentati kontra regoli interni inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

53. Suġġett għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, mill-informazzjoni disponibbli jidher li dan l-istess telf tal-iskop kien iseħħ ukoll jekk id-dispożizzjoni kkontestata tiġi ddikjarata invalida minħabba ksur ta' regola nazzjonali ġerarkikament superjuri.

54. Fir-rigward tal-prinċipju ta' *effettività*, it-tilwima li għandha tiġi deċiża fil-kawża prinċipali turi li r-rimedju awtonomu jrendi diffiċli ħafna, fil-prattika, l-eżerċizzju tad-dritt mogħti lil IG mir-regoli tal-Unjoni, meta l-emenda tar-regola kkontestata tinterferixxi mal-implimentazzjoni tiegħu, kif ser neżamina iktar 'il quddiem.

3. Telf tal-iskop tar-rikors ippreżentat kontra att regolatorju u l-konsegwenzi tal-emenda ta' dan l-att

55. Skont l-informazzjoni fid-digrieti, ikkonfermata waqt is-seduta, ir-rikors kontra l-atti leġiżlattivi ta' livell inferjuri mil-liġi jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Bulgaru b'tali mod li (bħalma kien il-każ hawnhekk) jista' ma jibqax ikollu skop jekk jiġi emendat l-att ikkontestat qabel ma l-qrati jiddeċiedu definittivament il-mertu tal-kawża [23].

56. Minn perspettiva astratta, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix Stat Membru milli jikkonfigura l-azzjonijiet ta' nullità tal-atti leġiżlattivi b'tali mod li, bħala regola ġenerali, il-qrati kompetenti jkunu meħtieġa biss jiddeċiedu dwar il-legalità tar-regoli fis-seħħ fil-mument li tingħata sentenza [24].

57. Iżda, skont il-karatteristiċi partikolari ta' din ir-regola skont id-dritt intern, jista' jkun li l-applikazzjoni tagħha tinvolvi restrizzjoni ċara fuq l-istħarriġ mill-qrati, prinċipalment u b'effett *erga omnes*, tal-legalità tad-dispożizzjoni kkontestata u sussegwentement emendata.

58. Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk permezz ta' din ir-restrizzjoni, id-dritt Bulgaru jipprevedix protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet mogħtija mill-Unjoni kontra l-effetti ta' regola qabel ma tiġi emendata jew imħassra.

[23] L-emenda sussegwenti tippermetti, b'dan il-mod, li jibqgħu l-effetti prodotti sa dak il-mument mid-dispożizzjoni kkontestata. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha l-QAS issostni li, fis-sistema proċedurali tal-Unjoni, abbażi tal-Artikolu 149 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan tal-aħħar jirrikonoxxi t-telf tal-iskop ta' rikors dirett meta, qabel ma tiġi deċiża sentenza, l-att ikkontestat ikun ġie emendat. Madankollu, u irrispettivament mill-fatt li din is-soluzzjoni tipprevali meta ma jkun hemm l-ebda deċiżjoni fl-ewwel istanza, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, rikors għal annullament kontra att li ma għadux fis-seħħ mhux neċessarjament jitlef l-iskop tiegħu minħabba f'hekk, jekk ir-rikorrent iżomm l-interess tiegħu fl-annullament ta' dan l-att. F'dan is-sens, ara K. Lenaerts, I. Maselis u K. Gutman: *EU Procedural Law*, Oxford University Press, Oxford, 2014, punt 7.10, u l-ġurisprudenza ċċitata.

[24] F'ċerti Stati Membri, l-istess regola tapplika għal stħarriġ *a posteriori* tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet. It-tħassir tagħhom wara l-introduzzjoni tat-talba jiddetermina, bħala prinċipju, iċ-ċaħda tar-rikors abbażi tal-fatt li, fi proċedura diretta lejn il-purifikazzjoni oġġettiva tal-ordinament ġuridiku, ma hemm l-ebda lok sabiex tingħata sentenza fuq test legali li ma huwiex fis-seħħ. Madankollu, dan il-kriterju jista' ma japplikax meta, minkejja t-tħassir tagħha, il-liġi jibqa' jkollha effett sa ċertu punt (*ultra vires*) jew meta jkun meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk, bil-preżunzjoni tal-applikazzjoni tagħha għall-fatti kontenzjużi skont il-prinċipju "*tempus regit factum*", kinitx konformi mal-Kostituzzjoni.

59. Fil-kawża prinċipali, kien suffiċjenti li d-dispożizzjoni kkontestata minn IG fil-proċedura Nru 1372/2016 kienet ġiet emendata qabel ma ġie deċiż l-appell ta' kassazzjoni biex is-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza tiġi annullata. L-annullament ta' din id-dispożizzjoni, deċiż mis-sentenza tal-ewwel istanza, ġie segwit mill-annullament ta' din is-sentenza, mingħajr ma l-qorti ta' kassazzjoni analizzatha fuq il-mertu.

60. IG, għaldaqstant, ma setax jikseb, b'mod definittiv, l-annullament tal-att regolatorju li kien diġà kiseb fl-ewwel istanza. Għall-kuntrarju, minkejja din is-sentenza, baqgħu fis-seħħ l-effetti prodotti matul il-perijodu li ddekorra bejn id-dħul fis-seħħ ta' dan l-att, li kien jikser id-dritt tal-Unjoni, u l-emenda sussegwenti tiegħu.

61. Tali riżultat seħħ minn skema normattiva (jew, għall-inqas, mill-interpretazzjoni ġudizzjarja tagħha) li, kif jidher mis-seduta, ma tidhirx li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' ċarezza u prevedibbiltà neċessarji għas-salvagwardja tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

62. Fis-seduta ġie diskuss liema kienet il-bażi legali li abbażi tagħha l-kulleġġ ġudikanti ta' ħames imħallfin tal-QAS iddeċieda li jiddikjara li l-kawża baqgħet mingħajr effett. Ir-rappreżentanta tal-QAS sostniet, b'risposta għad-domandi tal-Qorti tal-Ġustizzja, li din il-bażi legali ma tinsabx fl-Artikolu 221(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva [25], u li l-kulleġġ ġudikanti ta' ħames imħallfin ma kien indika l-ebda dispożizzjoni pożittiva oħra li fuqha wieħed seta' joqgħod [26].

63. Il-konsegwenzi (negattivi għar-rikorrent, li huwa prekluż mir-rispons ġudizzjarju fuq il-mertu, minkejja li jkollu suċċess fl-ewwel istanza) tan-nuqqas ta' ċarezza u ta' prevedibbiltà tar-regola jiżdiedu jekk, bħalma jsostni IG, din tiġi applikata mingħajr ma l-ewwel jinstemgħu l-partijiet involuti fil-kawża, sabiex jargumentaw dwar l-impatt tagħha fuq il-kawża [27].

64. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-modalità proċedurali kontenzjuża hijiex suffiċjentement ċara u prevedibbli fir-rigward tal-effetti tagħha jew jekk, għall-kuntrarju, l-individwu affettwat minn dispożizzjoni interna inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni jitħalliex għad-differenzi fl-evalwazzjoni tal-qrati differenti, bit-telf konsegwenti taċ-ċertezza legali.

65. Madankollu, l-aspett l-iktar delikat fil-mument tal-evalwazzjoni ta' din il-modalità proċedurali huwa li dan jippermetti lill-poter eżekuttiv irendi ineffettiv, b'mod retroattiv, sentenza tal-qorti li diġà ngħatat, li fiha jkun ġie ddikjarat il-ksur tad-dritt tal-Unjoni. Huwa suffiċjenti għaliha li taqbel, qabel ma l-qorti ta' kassazzjoni tagħti d-deċiżjoni tagħha, sempliċiment biex temenda [28] r-regola li ġiet annullata f'din is-sentenza.

66. Dan kien ikun il-każ hawnhekk: l-emenda tal-metodu ta' kalkolu tkun immotivata "preċiżament minħabba" s-sentenza tal-ewwel istanza li tkun annullatha [29].

[25] Infakkar li din id-dispożizzjoni, traskritta fil-punt 10 ta' dawn il-konklużjonijiet, tipprevedi li l-awtorità amministrattiva "tirtira" l-att ikkontestat, fejn il-QAS tannulla d-deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija fir-rigward ta' tali att.

[26] Skont id-digriet tar-rinviju (punt 9), il-QAS sostniet li fil-kawża kien hemm att normattiv irtirat, li għalih japplika l-Artikolu 204(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva. Skont din id-dispożizzjoni, meta d-danni jkunu kkawżati minn att irtirat, l-illegalità ta' dan tal-aħħar għandha tiġi ddeterminata mill-qorti adita bit-talba għad-dannu.

[27] Fis-seduta, IG esprima li l-kulleġġ ġudikanti tal-QAS iddeċieda mingħajr ma sema' dwar it-telf possibbli tal-effett tar-rimedju.

[28] Skont id-diskussjoni matul is-seduta, tkun biżżejjed bidla minima fid-dispożizzjoni regolatorja sabiex il-proċedura ġudizzjarja attwali tibqa' mingħajr effett. IG kien sostna (punt 45 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu) li l-emenda introdotta ma kinitx tali, peress li d-digriet il-ġdid adotta l-istess metodu ta' kalkolu. Il-qorti tar-rinviju, madankollu, issostni li d-digriet ippubblikat fl-20 ta' Settembru 2019 emenda d-digriet preċedenti, "b'mod partikolari", f'dak li jirrigwarda l-punt 6.1.1 tal-metodu tad-distribuzzjoni tal-enerġija termali f'kondominji (punt 6 tad-digriet tar-rinviju).

[29] Punt 4 tal-osservazzjonijiet bil-miktub ta' IG li insista fuq dan il-punt fis-seduta. Fil-fehma tiegħi, l-evalwazzjonijiet tiegħu ma kinux imminati fl-iżvolgiment tad-dibattitu sussegwenti.

67. Kieku dan kien il-każ – li, għal darba oħra, għandu jiġi stabbilit mill-qorti tar-rinviju –, l-effettività tar-rikorsi għal annullament ippreżentati kontra dispożizzjonijiet ta' livell inferjuri mil-liġi, li fihom tkun inkisbet dikjarazzjoni dwar in-nonkonformità tagħhom mad-dritt tal-Unjoni, tkun suġġetta għar-rieda tal-awtorità li tkun ħarġet id-dispożizzjoni kkontestata.

68. F'dan il-kuntest, ma jkun hemm xejn li jipprekludi lil din l-awtorità milli tiddeċiedi li temenda l-att normattiv, preċiżament sabiex tevita l-effetti ta' annullament tal-ewwel sentenza, qabel ma jkun ġie kkonfermat minn sentenza definittiva fil-kassazzjoni.

69. Fi kliem ieħor, l-iskema proċedurali kontenzjuża tagħti l-kunsens għall-istrumentalizzazzjoni tiegħu bħala mezz sabiex tiġi żgurata l-ineffikaċja ta' dikjarazzjoni preċedenti ta' nullità bbażata fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni. Sa dan l-istess punt, id-difiża tad-drittijiet tal-individwi tkun eċċessivament diffiċli, u tkun ta' ħsara għall-prinċipju ta' effettività.

70. Bħalma sostniet il-QAS fis-seduta, huwa minnu li l-poter eżekuttiv jew, b'mod ġenerali, l-awtorità governattiva li toħroġ att normattiv ta' livell inferjuri mil-liġi jkollhom is-setgħa li, f'kull każ, jemendawh jew iħassruh.

71. Madankollu, din is-setgħa ma tistax tintuża bħala mezz sabiex *jiġu nnewtralizzati* s-sentenzi diġà mogħtija mill-qrati li fihom ġie kkonstatat il-ksur tar-regoli tal-Unjoni, meta dan il-mekkaniżmu jimpedixxi, fl-istess ħin:

– Ir-reviżjoni tas-sentenza ta' istanza minn istanza superjuri (hawnhekk, il-QAS bħala kulleġġ ġudikanti ta' ħames imħallfin), li tiddikjara n-nullità tagħha mhux minħabba raġunijiet dwar il-mertu, iżda minħabba ċirkustanza kompletament estrinsika għall-proċedura u li tiddependi unikament fuq ir-rieda unilaterali tal-awtur tar-regola, li huwa wkoll ir-rikorrent fil-kassazzjoni.

– L-implimentazzjoni tal-effetti inerenti għad-dikjarazzjoni ta' nullità tal-att regolatorju kkontestat, kif stabbilit mill-qorti tal-istanza, inklużi l-effetti li jikkorrispondu għall-perijodu li fih kien fis-seħħ dan l-att.

72. Ir-riżultat huwa li rikors għal annullament ifformulat meta l-att normattiv kien fis-seħħ u kien ġie deċiż b'mod validu favur ir-rikorrent permezz ta' sentenza tal-ewwel istanza, mogħtija f'mument li fih kien għadu fis-seħħ l-att, jiġi ddikjarat mingħajr effett minħabba l-emenda sussegwenti ta' dan l-istess att, sussegwentement għad-deċiżjoni tas-sentenza tal-istanza.

73. Fil-qosor, l-awtorità li inizjalment tapprova l-att u temendah bħala "reazzjoni" għas-sentenza tal-ewwel istanza (li kontriha din l-istess awtorità ppreżentat appell ta' kassazzjoni) u b'hekk jirnexxielha trendi din is-sentenza mingħajr effett, anki jekk l-ebda qorti superjuri ma tkun iddeċidiet dwar il-kontenut tagħha.

74. Finalment, ir-rikors għal annullament isir suġġett għal inċertezza inaċċettabbli fir-rigward tar-riżultat tiegħu. Dan ma jiddependix mill-evalwazzjoni ġudizzjarja tiegħu fuq il-mertu, iżda mill-possibbiltà ta' tibdil leġiżlattiv li jseħħ mill-awtorità li toħroġ id-dispożizzjoni kkontestata, ladarba jiġi kkonstatat li l-kontestazzjoni ġudizzjarja tiegħu fl-ewwel istanza rriżultat sfavorevoli.

75. Minn dan isegwi, fil-fehma tiegħi, li r-rikors awtonomu previst fid-dritt Bulgaru, fiċ-ċirkustanzi li għadni kif analizzajt, ma jidhirx li jagħti protezzjoni effettiva lil min jallega l-ksur tad-drittijiet mogħtija lilu mill-ordinament tal-Unjoni.

76. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk l-iskema proċedurali interna tistax tiġi interpretata b'tali mod li tippermetti, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża quddiemha, li l-emenda tar-regola kkontestata ma tipprekludix deċiżjoni definittiva fuq il-mertu tar-rikors.

77. Għal dan l-għan, ikun neċessarju li jiġi ddeterminat bi preċiżjoni jekk il-konsegwenzi tal-iskema kontenzjuża, f'termini tat-telf tal-effett tar-rikorsi li għadhom *sub iudice*, humiex suffiċjentement ċari u preċiżi u għandhomx bażi legali soda.

78. Finalment, jista' jiġi kkunsidrat li jekk ir-rikors għal annullament ma jirnexxix bħala konsegwenza tat-telf tal-iskop tiegħu, il-parti leża tista' taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istat, bħala mekkaniżmu sussidjarju għall-protezzjoni tad-drittijiet miksura.

79. L-azzjoni għall-kumpens, bħalma diġà semmejt, isservi sabiex tikkumpensa d-danni kkawżati lil IG minħabba li ġie mġiegħel juża rimedju proċedurali li finalment ma rnexxiex minħabba ċirkustanzi kompletament irrelatati mal-imġiba tiegħu.

80. Fil-fehma tiegħi, ir-responsabbiltà għad-dannu kkawżat mill-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni għandha titfittex biss permezz ta' kumpens jekk l-iskema proċedurali kontenzjuża ma tippermettix interpretazzjoni konformi mar-rekwiżiti tad-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

81. Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat jekk, minħabba l-partikolarità tal-iskema ta' implimentazzjoni tad-direttivi, id-dritt nazzjonali jippermettix li jiġi indirizzat l-interess leġittimu ta' min, fis-sitwazzjoni ta' IG, jista' biss jinvoka d-drittijiet mogħtija minn direttiva jekk tiġi ddikjarata n-nullità tad-dispożizzjoni interna inkompatibbli magħha.

82. Fil-fatt, anki kieku d-direttiva li permezz tagħha jingħataw id-drittijiet irrikonoxxuti lill-individwu kienet direttament applikabbli, ikun diffiċli għal IG biex jinvokaha kontra individwu bħall-impriża tal-provvista tal-enerġija, li lilha tħallsu l-ammonti li rriżultaw mill-applikazzjoni tal-punt 6.1.1 tal-metodu kontenzjuż [30].

83. Fil-qosor, sabiex tinkiseb il-protezzjoni tad-drittijiet mogħtija lilhom mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, l-iskema proċedurali doppja deskritta fid-digriet tar-rinviju tobbliga lill-individwi:

– Ifittxu, fl-ewwel lok, l-annullament tad-dispożizzjoni regolatorja li hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni permezz ta' rikors li, anki jekk jirnexxi fl-ewwel istanza, ma jibqax ikollu effett bħala konsegwenza ta' emenda ta' din id-dispożizzjoni, bl-għan li jiġu evitati l-effetti tal-annullament tagħha.

– Fit-tieni lok, ifittxu l-kumpens għad-dannu mġarrab permezz tat-talba għar-responsabbiltà tal-Istat [31].

84. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena nqis li l-modalità proċedurali kontenzjuża tagħmilha eċċessivament diffiċli li tinkiseb il-protezzjoni ġudizzjarja sabiex tiġi żgurata s-salvagwardja tad-drittijiet li jkunu ġejjin mid-dritt tal-Unjoni.

[30] Ara f'dan ir-rigward, b'mod ġenerali, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith (C-122/17, EU:C:2018:631).

[31] Il-QAS, fis-seduta sostniet li min jikkontesta l-legalità ta' dispożizzjoni regolatorja jista' wkoll jitlob il-kumpens korrispondenti. Madankollu, hija spjegat li l-istess QAS trid tirreferi din it-talba lill-qorti kompetenti, li għandha tiddeċiedi jekk seħħx każ ta' responsabbiltà tal-Istat.

85. Dan japplika għall-individwi li fittxew l-annullament ġudizzjarju tal-leġiżlazzjoni li hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Hija ma tapplikax għal dawk li kkonformaw ruħhom ma' din tal-aħħar, li l-kumpens għalih għandu, fejn xieraq, jitfittex billi tiġi invokata r-responsabbiltà tal-Istat.

C. It-tielet domanda preliminari

86. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk huwiex "permess li d-dispożizzjoni inkwistjoni tibqa' tirregola r-relazzjonijiet pubbliċi fil-perijodu bejn l-adozzjoni tagħha u l-emenda tagħha fir-rigward ta' grupp indefinit ta' persuni li ma fetħux kawża għal kumpens quddiem qorti".

87. Abbażi tar-risposta li nissuġġerixxi għall-ewwel u għat-tieni domanda preliminari, ma nemminx li huwa essenzjali li tingħata risposta għat-tielet waħda.

88. Fi kwalunkwe każ, il-kwistjoni mqajma fit-tielet domanda hija ta' natura purament ipotetika fil-kuntest tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

89. Sabiex tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal kumpens ifformulata minn IG (li, infakkar, hija s-suġġett tal-kawża prinċipali), huwa irrilevanti x'inhi l-iskema tar-relazzjonijiet legali ta' terzi, li ma humiex rikorrenti, jew li "ma tkunx twettqet evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni nazzjonali qabel l-emenda mad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-konfront ta' dawn il-persuni".

90. Fil-fatt, id-destin tat-talba ta' IG li wasslet għal dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma huwiex l-istess għal dak ta' "persuni li ma fetħux kawża għal kumpens quddiem qorti". Il-qorti tar-rinviju għandha tittratta biss din it-talba.

91. Għaldaqstant, b'formulazzjoni fit-termini li għadni kif ittraskrivejt, inqis li t-tielet domanda preliminari hija inammissibbli.

V. Konklużjoni

92. Skont il-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej lill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Qorti Amministrattiva ta' Sofija, il-Bulgarija):

"Il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u, b'mod partikolari, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma jeżiġix, minnu nnifsu, l-eżistenza ta' azzjoni awtonoma intiża, prinċipalment, sabiex tikkontesta l-konformità tad-dispożizzjonijiet nazzjonali mar-regoli tal-Unjoni, sakemm teżisti azzjoni ġudizzjarja waħda jew iktar li jippermettu, inċidentalment, li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-individwi għandhom abbażi tad-dritt tal-Unjoni.

Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi rikors awtonomu sabiex tiġi kkontestata l-konformità tad-dispożizzjonijiet nazzjonali mar-regoli tal-Unjoni għandha tiggarantixxi l-effettività ta' dan il-mekkaniżmu ta' kontestazzjoni mqiegħed għad-dispożizzjoni tal-individwi.

Din l-effettività ma hijiex iggarantita meta, b'applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, is-sentenza ta' qorti li tkun iddikjarat, fl-ewwel istanza, l-inkompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' att normattiv mingħajr ordni ta' liġi, u li kontrih ikun ġie ppreżentat appell ta' kassazzjoni, tista' tiġi

annullata, mingħajr ma wieħed jidħol fl-analiżi tal-motivazzjoni tagħha, bis-sempliċi emenda tal-att regolatorju li seħħet, wara l-għoti ta' din is-sentenza, mill-istess awtorità li ddeċidiet l-att ikkontestat u li, b'dan il-mod, tħalli mingħajr effett l-imsemmija sentenza u tostakola l-evalwazzjoni tal-mertu tagħha fl-appell ta' kassazzjoni."